## Kampjonat 1963-64

# Josie Urpani jiskorja għall-ħames logħba nfila

### It-Tmien Ġurnata

**18-01-1964:**
**Floriana FC – Hibernians FC 3-1**
**H.T 2-1 Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 10', T. Cauchi (F) 11', V. Cassar (H) 26' u T. Cauchi (F) 85'.**

Floriana FC: Nenu Fabri, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi (Charles 'Il-Qoċċu' Galea 62'), Lolly Debattista, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Aquilina, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

Hibernians: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Louis Theobald (Sunny Anastasi 75'), Leli 'L-Għawdxi' Attard, Victor Grima, Tony Griffiths, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Freddie Delia, Norman Buckle.

1. Salvu Gatt irritorna fl-ewwel team ta' Hibernians wara li kien għamel l-operazzjoni tal-cartilage. Huwa kien diġá lagħab fit-team tar-Reserves kontra St. George's ġimgħa qabel.
2. Leli Attard ta' Hibernians ma setax ikompli l-partita meta weġġa' fit-80 minuta u kellu joħroġ.
3. F'kummenti li għadda lill-ġurnal 'Sport', il-goalkeeper ta' Hibernians Freddie Mizzi qal: "Fil-mument m'għandi l-ebda ħsieb li nilgħab iżjed ghax jidhirli li meta nitilfu m'għandix nieħu t-tort kollu jien."

**19-01-1964:**
**Ħamrun Sp. FC – St. George's FC 3-0**
**H.T 2-0 Ref: George Busuttil**
**Skorja: J. Mizzi (H) 12', 26' u 78'.**

Ħamrun Sp. FC: Lino Mizzi, Lolly Muscat, Joe Stanmore, George Jones, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Charles 'It-Topsy' Aquilina, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

St. George's FC: Pawlu Nappa, Godwin Tabone (Ray Gauci 36'), Joe Brincat, Freddie Demanuele, Leli Micallef (Karmenu Frendo 46'), Edward Darmanin, Alfred Wilson, Eddie 'Bagaga' Mizzi, Harry Scicluna, Leli Sultana, Wally Hili.

1. Iż-żagħżugħ ta' 18-il sena John Zarb tal-Ispartans kien qed jiddebutta fl-Ewwel Diviżjoni meta lagħab minflok Johnnie Fondacaro li kien imweġġa' u ma kienx niżel għat-training fost il-ġimgħa. John Zarb kellu lil ħuh il-kbir Pullu Zarb, li lejn it-tmiem tas-snin erbgħin kien jilgħab ma' Sliema Wanderers, Floriana u St Andrew's. Huwa kellu ħuh ieħor Joe Zarb li f'nofs is-snin ħamsin kien jilgħab centre half ma' Birkirkara filwaqt li Charlie Zarb, li ddebutta ma' Valletta f'dan il-kampjonat ukoll, kien jiġi n-neputi tiegħu.
2. Jimmy Mizzi li skorja t-tliet goals tal-partita kien fid-dubju jekk jintgħażilx minħabba li fost il-ġimgħa ma niżilx għat-training. S'issa Mizzi kien skorja tmienja mid-disa' goals tal-Ispartans f'dan il-kampjonat. Bit-tliet goals li skorja f'din il-partita hu kien tela' fil-quċċata tal-aqwa skorers daqs Josie Urpani.
3. Wally Hili rranġa d-differenzi mal-kumitat u rritorna fl-ewwel ħdax ta' St. George's wara li kien falla l-aħħar żewġ logħbiet.

**25-01-1964:**
**Sliema Wdrs FC – Rabat FC 3-0**
**H.T 1-0 Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: J. Cini (S) 42', J. Xuereb (S) 56' u E. Aquilina (S) 84'.**

Sliema Wdrs FC: Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Joe 'Jockey' Xuereb, Edward Aquilina, George Micallef.

Rabat FC: Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Joe Grech, Frans Peplow, Charles Nappa, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George Tonna, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Nenu Chircop, Lolly Azzopardi (Joe Vella 46').

1. Matul il-partita Rabat ipprotestaw diversi drabi b'mod aħrax mar-referee fuq żewġ penalites, l-ewwel għal foul ta' Joe Aquilina fuq Nenu Chircop fit-33 minuta u għaxar minuti wara għal hands tal-istess Aquilina li waqqaf xutt ta' Lolly Azzopardi. Kmieni wara l-mistrieħ tħassar ukoll goal ta' Pawlu Said għal offside dubjuż. Fil-protesti tal-ewwel penalty ġie ammonit il-captain ta' Rabat, George Tonna.
2. Sammy Nicholl tilef postu fit-team tal-Wanderers minħabba li ma baqax jinżel għat-training mal-club.

**26-01-1964:**
**Valletta FC – Melita FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: T. Calleja (V) 24', J. Urpani (V) 55' u M. Scicluna (M) 81'.**
**Referee: Tommy Restall**
**Linesmen: George Busuttil u J.F. Galea**

Valletta FC: Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Josie Urpani, Tony Calleja, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

Melita FC: George Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda

minn **Tonio Farrugia**



**Josie Urpani ... skorja fl-aħħar ħames logħbiet infila**

(Lawrence Borg 83'), John 'Casey' Cassar, John Delia, Alfred Dymond, Frank Bonello, Wistin Mallia (Anton Naudi 5'), Marcel Scicluna, John Bugeja, Edwin Mifsud.

1. Valletta ngħataw penalty fit-53 minuta għal hands ta' Suda iżda mill-11-il metru Alfred Borg 'Il-Waniż' ra lill-goalkeeper George Borg isalvalu x-xutt tiegħu bil-ballun jaħbat mal-lasta qabel ma jiġi kklerjat.
2. Josie Urpani kien qed jiskorja għal ħames logħba konsekuttiva għalkemm f'din l-okkażjoni d-deskrizzjoni tal-goal tħalli ftit dubju jekk kienx auto-goal tal-goalkeeper George Borg meta x-xutt ta' Urpani ħabat mal-lasta, ma' sider il-goalkeeper Borg u dar għal ġox-xibka.
3. Matul il-partita Valletta laqtu l-lasta tliet darbiet minn Tony Calleja u Zammit fl-ewwel taqsima u minn Vince Vassallo wara l-mistrieħ fil-waqt li Melita laqtu l-lasta wara 10 minuti bl-iskor għadu ma nfetaħx minn John Bugeja. Dan tal-aħħar kien qed jilgħab għall-ewwel darba f'dan il-kampjonat minħabba li kellu slipped disc.
4. Valletta reġa kellhom nieqes lil Twanny Vassallo minħabba li kien imweġġa'. Minn naħa tagħhom Melita kellhom lil John Bonnett nieqes minħabba li ġibed muskolu fil-waqt li Eddie Bonnett ħabbar li rtira mil-logħba meta reġa' beda jħoss l-uġiegħ f'irkopptu. F'dan il-kampjonat hu kien lagħab partita waħda biss wara li kien ilu nieqes sentejn.
5. Wistin Mallia ta' Melita ħareġ imweġġa' wara ħames minuti. Huwa dam barra mil-logħob xahrejn u nofs.

Klassifika: Sliema Wdrs FC 14-il pt.; Valletta FC 13-il pt.; Floriana FC 12-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Melita FC 4 pti.; Rabat FC 3 pti.; St. George's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: J. Urpani (Valletta FC) 9 goals; J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC) 8 goals; T. Cauchi (Floriana FC), E. Aquilina u J. Cini (Sliema Wdrs FC) 7 goals; V. Cassar (Hibernians FC 6 goals.

## AĦBARIJIET

Il-Ħadd, 2 ta' Frar, 1964, f'partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni Frans Bonnici 'Il-Lula', skorja l-erba' goals tat-team tiegħu fir-rebħa ta' 4-3 li Birkirkara kellhom fuq Żurrieq. Il-goals waslu fil-11, 25, 75 u 80 minuta. Scicluna darbtejn u Buhagiar skorjaw għal Żurrieq.

Fit-12 ta' Frar, 1964, bi preparazzjoni għall-partita ta' ħbiberija li Malta kellha tilgħab kontra Italja Serie C, f'Marzu, it-team Malti għeleb lit-team magħżul tal-Army 10-0 b'Joe Cini jiskorja ħames goals, Tony Cauchi jikseb hat-trick fil-waqt li Freddie Borg 'Il-Waniż' u Charlie Williams skorjaw goal kull wieħed.

Sitt ijiem wara, fit-18 ta' Frar, it-team Malti lagħab partita oħra ta' ħbiberija fejn għeleb lil Floriana 2-0 b'żewġ goals ta' Frans Bonnici 'Il-Lula' ta' Birkirkara.

Fil-15 ta' Frar, 1964, intrebaħ l-ewwel kampjonat tal-istaġun meta l-Minors ta' Hibernians, li kienu t-tfal tal-Oratorju tal-Agostinjani mmexxija minn Fr Hilary, għelbu lil Sliema Wanderers 4-1, fix-Schreiber, biex kienu kisbu ħames rebħiet u draw fl-ewwel sitt logħbiet u ma setgħux jintlaħqu fil-quċċata.

Il-goals ta' Hibernians waslu minn Norman Buckle fl-10 minuta, Emmanuel Pace fl-14-il minuta u Debono li skorja darbtejn fid-49 u fil-55 minuta b'Lyall iwieġeb għall-Wanderers żewġ minuti mit-tmiem.

Gżira United daħħlu protest quddiem l-MFA fuq it-telfa ta' 1-0 li sofrew fil-partita tat-Tieni Diviżjoni kontra Żejtun Corinthians, fis-16 ta' Frar, 1964, meta huma sostnew li l-player Degiovanni reġa' ġie użat minn Żejtun bħala sostitut biex jidħol jilgħab meta aktar qabel kien mibdul u ħareġ mill-ground. Fit-18 ta' Marzu, 1964, l-MFA ma laqgħetx il-protest ta' Gżira.

Fil-25 ta' Frar, 1964, it-team Malti lagħab partita ta' ħbiberija kontra Selezzjoni tal-Armata u rebaħ 4-0 b'hat-trick ta' Joe Cini u goal ta' Eddie Theobald. Il-partita kienet saret bi tħejjija għal-logħba li Malta kellha tilgħab kontra Italia Serie C, fid-9 ta' Marzu.

It-team Malti kien diġà lagħab kontra Gżira United (5-0), kontra Selezzjoni tal-Armata (10-0), kontra Melita (5-1) u kontra Floriana (2-0). L-aħħar partita ta' tħejjija kienet saret, fit-3 ta' Marzu, fejn it-team Malti kien għeleb lil Hibernians U/21, 5-1.